PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2010/2273(INI)**

25.5.2011

# OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea (2010/2273(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Vilija Blinkevičiūtė



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra l-Artikolu 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2011, 'L-Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja "Flimkien għal tkabbir ġdid"' (COM(2011)0206), li tinkludi l-mobilità tal-ħaddiema bħala wieħed mit-tnax-il strument prinċipali tagħha,

– wara li kkunsidra l-paragrafu I(g) tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil[2] adottat mill-Kunsill Ewropew, li jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ambizzjużi biex jippromwovu l-integrazzjoni armonjuża tal-immigranti legali, inklużi miżuri speċifiċi biex jippromwovu t-tagħlim tal-lingwi u l-aċċess għall-impjiegi,

A. billi l-mobilità tal-ħaddiema tal-UE għandha tiġi inkoraġġuta fl-Unjoni Ewropea kollha fejn hemm bżonn ta' impjieg,

B. billi l-ħaddiema tal-UE jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet u sfidi meta jfittxu xogħol fi Stat Membru ospitanti,

1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsaħħu l-politika tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni diretta u indiretta (b'attenzjoni partikolari lill-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini etnika), l-isfruttament tal-ħaddiema migranti tal-UE fl-Unjoni Ewropea u l-abbuż tad-drittijiet tagħhom minħabba li ma jkunux jafu biżżejjed il-lingwi u l-liġijiet applikabbli għall-impjieg tagħhom fl-Istat Membru ospitanti;

2. Iqis li l-ħaddiema migranti għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ospitanti tagħhom biex tkun possibbli l-integrazzjoni tagħhom u biex tinkiseb produttività ottimali waqt ix-xogħol u jiddikjara li l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jistabbilixxu kompetenzi lingwistiċi għal ċerti impjiegi professjonali u tekniċi; iqis għalhekk li għandhom ikunu disponibbli mingħajr ħlas korsijiet fil-lingwi tal-Istat Membru ospitanti għall-ħaddiema migranti; jikkundanna, madankollu, il-politiki tal-Istati Membri li huma mmirati li jillimitaw l-aċċess tal-ħaddiema tal-UE għas-sigurtà soċjali jew għas-servizzi soċjali billi jagħmluh jiddependi fuq ir-rekwiżit li wieħed ikun jaf il-lingwa tal-Istat Membru ospitanti;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-ksenofobija billi jipprovdu l-mezzi għall-integrazzjoni u l-informazzjoni u biex jippromwovu l-fehim, id-diversità

[1] ĠU L 288, 18.10.1991, p. 32.
[2] Dokument tal-Kunsill 13440/08 (mhux disponibbli bil-Malti).

kulturali u r-rispett fi Stati Membri li jospitaw ħaddiema mobbli;

4. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva 2004/38/KE bla diskriminazzjoni, inkluż abbażi tal-orjentazzjoni sesswali; ifakkar lill-Kummissjoni dwar talbiet preċedenti biex jiġi żgurat il-moviment liberu taċ-ċittadini kollha tal-UE u l-familji tagħhom, inklużi sew is-sħubijiet irreġistrati kif ukoll iż-żwiġijiet, indipendentement mill-orjentazzjoni sesswali tal-persuni;

5. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi[1] u jilqa' l-inizjattiva imminenti mħabbra mill-Kummissjoni biex ittejjeb u ssaħħaħ it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħha;

6. Huwa tal-fehma li l-uniku mod biex il-mobilità tiġi promossa b'mod effikaċi huwa permezz ta' titjib sostanzjali fir-rigward tas-solidarjetà u tar-responsabbiltà konġunta min-naħa tal-Istati Membri u permezz tal-formulazzjoni ta' qafas regolatorju ċar li jirregola l-migrazzjoni legali;

7. Jenfasizza li l-mobilità tal-ħaddiema tista' tkun għodda siewja għat-titjib tal-kompetittività tal-SMEs, li jirrappreżentaw 67.1% tal-impjiegi fl-UE;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jressqu b'mod attiv l-opportunitajiet offruti mill-moviment ħieles tal-ħaddiema liċ-ċittadini tal-UE u jippreżentaw il-benefiċċji tas-suq tax-xogħol Ewropew;

9. Jenfasizza li waħda mill-kisbiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea hi l-ħolqien ta' żona mingħajr fruntieri interni fejn iċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiċċirkolaw u jaħdmu liberament;

10. Jistieden lill-Istati Membri jerġgħu jeżaminaw id-dispożizzjonijiet tagħhom li jirregolaw il-perjodi tranżitorji għal aċċess għas-swieq tax-xogħol tagħhom li, fuq perjodu twil ta' żmien, jista' jkollhom effetti negattivi fuq il-valuri u d-drittijiet fundamentali li jinsabu fit-Trattati tal-UE, bħal-libertà tal-moviment, in-nondiskriminazzjoni u s-solidarjetà u d-drittijiet ugwali; għalhekk jilqa' d-deċiżjoni riċenti ta' xi Stati Membri li jiftħu għalkollox is-swieq tax-xogħol tagħhom għal uħud mill-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004 u jikkundanna l-proposti leġiżlattivi riċenti fi Stati Membri oħra maħsuba biex jiddgħajfu d-drittijiet tal-ħaddiema mill-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004 u fl-2007; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga jekk tali politiki jiksrux il-liġi tal-UE;

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni korretta tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri[2] sabiex issaħħu u jissimplifikaw id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva;

---

[1] ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.
[2] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

12. Jenfasizza li r-restrizzjonijiet fil-qasam tax-xogħol huma ta' ostaklu għat-tħaddim tas-suq intern u li l-kriżi ekonomika turi l-bżonn li tiġi promossa l-mobilità ħielsa fil-qasam tax-xogħol li tkun awtoregolatorja, tipprovdi flessibbiltà, u tnaqqas ix-xogħol mhux dikjarat u r-rata naturali tal-qgħad;

13. Itenni li, sabiex jiġu evitati l-inkonsistenzi fil-qasam tas-suq intern tal-UE, għall-iskop tal-impjieg l-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza liċ-ċittadini tal-Unjoni u jistgħu jagħtu preferenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal impjiegi bi kwalifiki għolja, kif stabbilit fid-Direttiva 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin[1]; jenfasizza l-importanza li jiġu rrifjutati l-applikazzjonijiet għall-Karta Blu tal-UE fis-setturi tas-suq tax-xogħol li għalihom l-aċċess għall-ħaddiema minn Stati Membri oħrajn ikun ristrett fuq il-bażi ta' arranġamenti tranżitorji;

14. Jinnota li l-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema abbażi tad-dritt Ewropew għandha tiġi kkomplementata b'dispożizzjonijiet legali tal-UE li jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u trattament ugwali għall-ħaddiema migranti kif ukoll jipprevedu sanzjonijiet, rimedji u rikors effikaċi f'każijiet ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-ħaddiema bħala għodod biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fost il-ħaddiema fl-UE; jirrikonoxxi li f'tali ċirkustanzi għandha tingħata għajnuna legali xierqa lill-ħaddiema transkonfinali;

15. Jenfasizza li d-"drittijiet tal-ħaddiema" jistgħu jiġu implimentati biss jekk u meta migrant tal-UE jiġi impjegat f'attività mħallsa legalment fi Stat Membru ospitanti;

16. Huwa tal-fehma li l-mobilità tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni Ewropea hi essenzjali għall-irkupru ekonomiku u l-kisba tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020; iħeġġeġ għalhekk lil dawk l-Istati Membri li għadhom jimponu restrizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fir-rigward taċ-ċittadini Rumeni u Bulgari biex ineħħuhom sa tmiem l-2011 skont id-data ta' skadenza stabbilita fit-Trattat ta' Adeżjoni;

17. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib u effiċjenti fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-kontroll tal-konformità tal-kuntratti tax-xogħol mad-dritt nazzjonali u tal-UE; jirrimarka li l-għajnuna reċiproka u l-iskambju tal-informazzjoni għandhom jiġu garantiti fost l-Istati Membri f'każijiet ta' ksur; jitlob lill-Kummisjoni tissorvelja dan il-proċess;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu l-implimentazzjoni tad-Direttiva 91/533/KEE fir-rigward tal-informazzjoni minima li l-ħaddiema jeħtieġ li jirċievu mingħand min iħaddihom dwar ir-relazzjoni tax-xogħol tagħhom, inklużi d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha rigward is-sitwazzjoni tal-impjieg tagħhom fl-Istat Membru ospitanti;

19. Jinnota li jista' jkun li l-ħaddiema migranti tal-UE ma jkunux konxji mid-drittijiet tagħhom għal servizzi soċjali, edukattivi u tas-saħħa fil-pajjiż li jilqagħhom, u għalhekk jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-għoti ta' informazzjoni dwar id-drittijiet, l-opportunitajiet u l-għodda tal-libertà tal-moviment lill-ħaddiema mobbli, lill-membri tal-familja tagħhom u lil dawk interessati, kemm fuq bażi wiesgħa kif ukoll fuq bażi individwali;

[1] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17.

20. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-qafas legali attwali għar-rikonoxximenti tad-diplomi u l-kwalifiki professjonali;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tuża n-netwerk EURES u strumenti Ewropej oħra li joffru pariri u għajnuna dwar l-impjiegi u r-reklutaġġ sabiex tipprovdi informazzjoni aktar aċċessibbli u trasparenti relatata mad-drittijiet li l-membri tal-familja tal-ħaddiema migranti għandhom, speċjalment rigward id-dritt tax-xogħol tagħhom, id-drittijiet soċjali tagħhom u d-dritt għall-edukazzjoni tat-tfal tagħhom fl-Istat Membru ospitanti;

22. Jirrimarka li żieda fil-mobilità tal-ħaddiema tirrikjedi wkoll l-involviment attiv tas-sħab soċjali, speċjalment tat-trejdjunjins, biex il-ħaddiema kkonċernati, speċjalment dawk li jkunu qed jaħdmu b'mod temporanju barra minn pajjiżhom, jingħataw informazzjoni, protezzjoni u appoġġ adegwati u effikaċi rigward id-drittijiet soċjali u tax-xogħol tagħhom;

23. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkontrollaw b'mod aktar strett il-ħidma tal-aġenziji tax-xogħol u jiġġieldu l-abbuż tal-ħaddiema migranti tal-UE fl-UE, biex jiżguraw li d-drittijiet ta' dawk il-ħaddiema migranti jiġu rrispettati;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1612/68 tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità[1] sabiex jitqiesu l-proposti li saru mill-Parlament Ewropew f'din ir-riżoluzzjoni;

25. Jitlob kooperazzjoni aħjar bejn l-UE, l-Istati Membri u pajjiżi terzi rigward l-iżvilupp ta' politiki li jirnexxu, ġusti u trasparenti dwar l-immigrazzjoni tal-UE u l-migrazzjoni intra-UE għall-ħaddiema tal-pajjiżi terzi, abbażi ta' solidarjetà mal-pajjiżi terzi kif ukoll rigward il-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol tal-UE fil-kuntest tal-isfidi demografiċi preżenti u l-prospettivi għall-iżvilupp ekonomiku;

26. Jinnota li ċ-ċittadini tal-UE li jaħdmu fi Stat Membru ieħor jistgħu jitilfu d-dritt tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet nazzjonali wara perjodi ta' żmien li jvarjaw; iqis li l-Kummissjoni għandha terġa' teżamina din is-sitwazzjoni mal-Istati Membri u li l-għarfien tad-dritt li wieħed joħroġ għal elezzjoni u li jivvota kemm fl-elezzjonijiet lokali kif ukoll f'dawk Ewropej għandu jiġi promoss;

27. Jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal tal-ħaddiema mobbli tal-UE ma jiffaċċjawx diffikultajiet rigward in-nazzjonalità jew iċ-ċittadinanza tagħhom minħabba l-għażliet tax-xogħol tal-ġenituri tagħhom, u li l-ħtiġijiet partikolari tat-tfal tal-ħaddiema mobbli għandhom jiġu adegwatament studjati biex jiġu żgurati reazzjonijiet politiċi effikaċi.

---
[1] ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 25.5.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 40<br>–: 4<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jan Philipp Albrecht, Alexander Alvaro, Roberta Angelilli, Vilija Blinkevičiūtė, Mario Borghezio, Emine Bozkurt, Simon Busuttil, Philip Claeys, Carlos Coelho, Cornelia Ernst, Tanja Fajon, Hélène Flautre, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Sophia in 't Veld, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu, Louis Michel, Claude Moraes, Jan Mulder, Antigoni Papadopoulou, Georgios Papanikolaou, Carmen Romero López, Csaba Sógor, Rui Tavares, Wim van de Camp, Daniël van der Stoep, Axel Voss, Manfred Weber, Tatjana Ždanoka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Mara Bizzotto, Monika Hohlmeier, Franziska Keller, Marian-Jean Marinescu, Mariya Nedelcheva, Hubert Pirker, Marie-Christine Vergiat |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Knut Fleckenstein |